MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 492/2003

**P & S International Limited**

**vs**

**Eric Bartoli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hames mija tlieta u hamsin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm553.92) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lill-konvenut da parti tas-socjeta' attrici, u fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz kif ukoll dawk ta' l-ittra legali tal-11 ta' Gunju, 2002, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-1 ta' April, 2004 fejn intqal li t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi kull ammont dovut minn Eric Bartoli li jiggestixxi l-kummerc taht l-isem Blue Bell Computers hu debitament imhallas u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-ammont ta' Lm569.92 u ammont in konnessjoni ma' bejgh bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' Louis Bartoli And Sons Ltd:**
**Bl-ispejjez u b'riserva ghall-azzjoni ta' danni.**

**Semgha x-xhieda ta' Eric Bartoli, Chiara Peresso, Daniela Peresso u Bernardette Bartoli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensur tas-socjeta' attrici jittratta l-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal servizzi rezi skond hi lil Eric Bartoli.**
**2. Eric Bartoli jghid illi hu m'ghandux jaghti dan l-ammont peress li kien sar il-pagament.**
**3. Jirrizulta li Eric Bartoli jiggestixxi l-kumpanija Blue Bell Computers u li kien jahdem ukoll ma' Louis Bartoli and Sons. Kien jahdem ma' din l-ahhar kumpanija xi seba' snin ilu, filwaqt li l-kumpanija Blue Bell Computers fetahha wara li telaq mill-kumpanija Louis Bartoli and Sons.**
**4. Jirrizulta illi Eric Bartoli meta kien ma' Louis Bartoli and Sons kien tassew innegozja mas-socjeta' attrici. Jirrizulta li meta kien ma' Blue Bell Computers kien ukoll innegozja mas-socjeta' attrici.**
**5. Skond id-Dok EB 1 datat 18 ta' Jannar 2001 l-istess Eric Bartoli nforma lis-socjeta' attrici li ma setghax johrog il-pagament dovut minn Louis Bartoli and Sons.**
**6. Gara illi Eric Bartoli meta nnegozja ghal Blue Bell Computers ghamel pagamenti lis-socjeta' attrici. Hu qed jallega illi dawna nqatghu mill-kont ta' Louis Bartoli and Sons minflok minn fuq il-kont ta' Eric Bartoli bhala fin-negozju ta' Blue Bell Computers.**
**7. In sostenn ta' dan mart Eric Bartoli, Bernardette Bartoli kkonfermat illi c-cekkijiet li ntbaghtu kienu**

**ghan-nom ta’ Blue Bell Computers. Skond l-istess xhud meta hi kellmet lil Chiara Peresso tas-socjeta’ attrici, din qaltilha li kienet qatghet il-pagamenti minn Louis Bartoli and Sons ghax dawk kienu l-aktar antiki.**

**8. Jirrizulta mid-Dok BE 4 esebit illi c-cekkijiet li hargu lis-socjeta’ attrici hargu minn “Mrs B Bartoli T/A Blue Bell Comp Sys”.**

**9. Chiara Peresso ghas-socjeta’ attrici tghid illi Eric Bartoli kien qed jixtri ghaz-zewg kumpaniji cioe’ sija ghal Louis Bartoli and Sons u sija ghal Blue Bell Computers. Kien hemm problema bil-pagamenti u sar ftehim u l-konvenut skond ma tghid hi beda jhallas hamsin lira (Lm50) fil-gimgha. Ma jirrizultax illi l-konvenut qatt qalilha fuq min ghandha talloka tali pagamenti.**

**10. Daniela Peresso wkoll ghas-socjeta’ attrici tghid li l-ammont hu dovut minn Blue Bell Computers u l-bilanc dwar Louis Bartoli and Sons kien inghalaq fil-15 ta’ Awissu, 2000. Hi tghid ukoll li l-impjegat ta’ Eric Bartoli li kien imur bil-pagamenti qatt ma qalilha fuq liema kumpanija ghandha tallokhom.**

**11. Jigi rilevat illi in sostenn ta’ l-allegazzjoni taghhom il-konvenuti esebew id-Dok EB 2 li hu statement of account ta’ l-APS Bank. Fir-rigward it-Tribunal ma jistax ma jirrilevax illi tali statement ma jikkostitwixxi ebda prova ta’ hlas peress li ma jindika b’ebda mod lil min saru l-hlasijiet. In oltre jirrizulta li n-negozju ma’ Louis Bartoli and Sons kien waqaf fil-1998.**

**12. Apparti minn dan l-ittra Dok CP 1 a fol 28 tal-process datata 17 ta’ Jannar 2001 tghid fost affarijiet ohra “since August 2000 you settled Louis Bartoli account in full and I started allocating the last payment (part of your last cheque) for Lm46.63 against Blue Bell Computers”. A fol 32 hemm esebit statement dwar dak li huwa dovut minn Blue Bell Computers.**

**13. Ghalhekk mill-kumpless tal-provi s-sottoskritt huwa tal-fehma illi l-ammont tassew hu dovut minn Eric Bartoli ghall-Blue Bell Computers, u li fil-fatt kien hemm ftehim biex il-kont ta’ Louis Bartoli and Sons**

**jithallas kif fil-fatt sar. Jirrizulta in oltre illi l-konvenut kien qed jipprokrastina biex jaffettwa l-pagamenti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija tlieta u hamsin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm553.92). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum.**

**Bl-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz kif ukoll dawk ta' l-ittra legali tal-11 ta' Gunju, 2002.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------